*Kunsill Lokali Ħamrun*
*Triq id-Duka ta' Edinburgh*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tmienja u tmenin laqgħa (laqgħa straordinarja) tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Għażla ta' offerta – *Installation of Electrical, Mechanical and Fire Safety Services at Car Park*

Il-Kunsill ippermetta li l-Inġinier Jason Vella jagħmel spjegazjoni dwar l-evalwazzjoni teknika li għamel rigward iż-żewġ offerti li daħlu. L-Inġinier konsulent imqabbad mill-Kunsill spjega dak li kien qed jintalab fid-dokument tal-offerta mill-Kuntrattur li kien ser jieħu x-xogħol biex isir l-*Installation of Electrical, Mechanical and Fire Safety Services* fil-parkeġġ tal-Kunsill.

L-Inġinier Vella spjega li l-Kumpanija Electrical & Mechanical Manufacturers Ltd sottomettew il-prezzijiet flimkien ma' *Brochures* ġenerali tal-materjal li kienu ser jużaw. Peress li ma indikawx liema *items* fil-*Brochures* ser jużaw, intalbu darbtejn biex jagħtu kjarifikazzjoni. Wara t-tieni darba li ntalbu kjarifika, għalkemm sottomettew aktar dettalji xorta waħda ma kienx hemm biżejjed informazzjoni biex wieħed ikun jista' jikkonkludi l-offerta tagħhom kif suppost.

Fis-5.50pm s-Sur C. Valletta daħal għal-laqgħa.

L-Inġinier Vella kompla spjega li mill-informazzjoni li sottomettew il-Kumpanija Electrical & Mechanical Manufacturers Ltd, ma kienx possibbli li ssir evalwazzjoni kompluta tal-offerta tagħhom.

L-Inġinier Vella spjega li l-Kumpanija *Engenuity Ltd* sottomettew il-prezzijiet flimkien ma' *Brochures* fejn indikaw ċar l-*items* individwali li għalihom kienu qed jirreferu fl-offerta tagħhom.

Huwa żied jgħid li d-differenza fil-prezz bejn iż-żewġ offerti kien ta' madwar €60,000.00. L-Inġinier Vella spjega li peress li kellu jżid żewġ *drawings* oħra, l-offerta finali tal- Kumpanija Engenuity Ltd żdiedet għal €241,017.00 +VAT filwaqt li l-kumpanija Electrical & Mechanical Manufacturers Ltd sottomettew prezz mingħajr ma kienu għadhom raw id-*drawings*.

L-Inġinier Vella spjega li abbażi tal-informazzjoni li sottomettew huwa kien qed jirrakomanda li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija Engenuity Ltd. (kopja tar-rapport u rakomandazzjoni mehmuża ma' dawn il-minuti).

Dr. P. Mifsud Bonnici staqsiet jekk il-prezzijiet kienux dawk tas-suq. L-Inġinier Vella spjega li l-prezzijiet offruti kienu ta' dawk kif qed imorru fis-suq illum, iżda xorta waħda rakomanda li jsir tentattiv li jiġi negozjat prezz aħjar mal-kumpanija Engenuity Ltd. Huwa tenna li l-prezzijiet tal-offerta ta' Electrical & Mechanical Manufacturers Ltd kienu baxxi aktar minn dak tas-suq. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti rigward negozjar fil-prezz.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

Wara l-ispjegazzjoni dettaljata tal-Inġinier Vella, s-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-Inġinier Vella iġifieri li l-kuntratt '*Installation of Electrical, Mechanical and Fire Safety Services at Car Park'* tingħata lill-kumpanija Enginuity Ltd kif ukoll jitlob il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti biex f'każ li tippermetti l-liġi jsir negozjar mal-kumpanija Enginuity Ltd dwar tnaqqis tal-prezzijiet. F'każ li dan ma jistax isir il-kuntratt għandu jiġi ffirmat xorta waħda mal-Kumpanija Enginuity Ltd.

Is-Sinjura C. Borg issekondat.

Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## 4. <u>**Għażla ta' offerta –** ***Service Tender for Training of 40 persons***</u>

Fis-6.30pm s-Sur C. Valletta ġie skużat mill-laqgħa.

Il-Kunsill ġie preżentat b'rapport tal-Kumitat tal-Għażla maħtur mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti li daħlu għal-kuntratt – *Service Tender for Training of 40 persons* (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Sur A. Ellul spjega fid-dettal il-proċess ta' evalwazzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Għażla li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija Future Focus Ltd.
Ġie deċiż li jinbeda l-proċess tal-għażla tal-parteċipanti. Is-Sur A. Ellul, Dr J. Abela u l-Viċi Sindku ser jiltaqgħu mal-Għaqdiet f'dan ir-rigward.

**5. Għażla ta' kwotazzjoni – *Supply and Installation of Air Conditioners***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li daħlu 11 kwotazzjonijiet għax-xiri u twaħħil ta' 8 Airconditioners għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (kopja tal-iskeda ta' kwotazzjonijiet mehmuża ma' dawn il-minuti).

Ġie deċiż li l-Inġinier tal-Kunsill jintalab jgħati parir lill-Kunsill bejn l-offerta ta' CAS €4,087.00 u dik ta' KNK €5,300.00 sabiex il-Kunsill ikun jaf l-aħħar offerti vantaġġużi fir-rigward *cost effectiveness.*

**6. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

| ______________________ | ______________________ |
|---|---|
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

______________________
DATA